

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > [Austria](#)

Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut
minn
Awstrija

Awstrija



Int titqies bħala vittma ta' reat jekk iġġarrab danni jew jekk l-interessi legali tiegħek, kif protetti bid-dritt kriminali, setgħu nkisru b'modi oħra, eż. jekk int korrett jew jekk il-proprietà tiegħek ġarrbet ħsara jew insterqet u dan l-att ikun jikkostitwixxi reat skont id-dritt tal-Awstrija. Bħala vittma ta' reat, il-liġi tiggarrantixxi li int tibbenefika minn ċerti drittijiet individwali qabel, waqt u wara l-proċedimenti tal-qorti.

Fl-Awstrija, il-proċedimenti kriminali jibdew malli l-pulizija kriminali (*Kriminalpolizei*) jew l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku (*Staatsanwaltschaft*) jiftħu investigazzjonijiet b'reazzjoni għal suspett inizjali. Ladarba jiġu konklużi dawn l-investigazzjonijiet, il-prosekutur pubbliku jista' jiddeċiedi li jagħlaq il-proċedimenti, jordna miżuri alternattivi għal proċedimenti kriminali konvenzjonali jew iressaq l-akkużi quddiem qorti. Ċerti reati (reati soġġetti għal prosekuzzjoni privata - *Privatanklagedelikte*) jitressqu quddiem il-qorti biss fuq it-talba tal-vittma, li f'dan il-każ trid tippreżenta l-akkużi hija stess. Ma ssir ebda investigazzjoni f'dawn il-każijiet.

Matul il-proċess, il-qorti torganizza seduta u teżamina l-evidenza. Skont is-serjetà tar-reat, il-kawżi jinstemgħu minn

- imħallef uniku jew
- panel ta' mħallfin (*Schöffenrat*) li jikkonsisti, skont ir-reat inkwistjoni, f'imħallef professjonali wieħed jew tnejn u f'żewġ imħallfin onorarji, li jiddeċiedu dwar il-ħtija tal-akkużat u l-livell tal-piena imposta jew
- qorti b'għurija (*Geschworenengericht*), li tikkonsisti fi tliet imħallfin professjonali u fi tmien imħallfin onorarji (għurati). Il-għurati jiddeċiedu dwar il-ħtija tal-akkużat, filwaqt li d-deċiżjoni dwar il-livell tal-piena tittieħed b'mod konġunt mill-għurati u mit-tliet imħallfin professjonali.

Bħala vittma, int tista' taqdi rwol importanti ħafna f'dawn il-proċedimenti kriminali u tibbenefika wkoll minn diversi drittijiet. Int tista' tiegħu sehem bħala vittma mingħajr status legali speċifiku jew issir rikorrent ċivili, prosekutur sussidjarju jew prosekutur privat u tibbenefika minn drittijiet u minn possibbiltajiet addizzjonali.

Ikklikkja fuq il-links li ġejjin biex issib l-informazzjoni li qed tfittex:

[1 - Id-drittijiet tiegħi bħala vittma ta' reat](#)

[2 - Ir-rapportar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess](#)

[3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess](#)

[4 - Il-kumpens](#)

[5 - Iddrittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza](#)

L-aħħar aġġornament: 01/07/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali

1 - Drittijeti bħala vittma ta' reat

X'informazzjoni nirċievi mill-awtorità (eż. il-pulizija, il-prosekutur pubbliku) wara li jkun seħħ ir-reat iżda qabel ma nirrappurtah?

Qabel ma tirrapporta r-reat, int tista' tikseb informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek mis-sit web tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (Bundesministerium für Justiz) ([hawnhekk](#)) u mill-Hotline tal-Vittmi (*Opfernotruf*) jew mis-sit web tal-Hotline tal-Vittmi (0800 112 112 jew [hawnhekk](#)).

Bħala vittma ta' reat, int għandek id-dritt li tirċievi informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek mingħand l-awtoritajiet. Fil-prinċipju, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-bidu tal-investigazzjoni. Jekk int intitolat li taċċessa servizzi ta' assistenza lill-vittmi mingħand organizzazzjoni ta' appoġġ lill-vittmi, int tiġi informat dwar dan qabel l-ewwel seduta tiegħek. In-notifika biex tidher fis-seduta jkun fiha wkoll informazzjoni dwar dawn is-servizzi ta' appoġġ u tkun tinkludi l-indirizzi tal-organizzazzjonijiet rilevanti ta' appoġġ lill-vittmi. Barra minn hekk, int tiġi informat dwar id-dritt tiegħek li tkun akkumpanjat minn persuna ta' fiduċja.

Jekk inti vittma ta' reat sesswali jew jekk inti minuri, jew jekk tista' tinħareġ ordni ta' trażżin skont l-Artikolu 38a(1) tal-Att dwar il-Pulizija tas-Sigurtà (*Sicherheitspolizeigesetz - SPG*) biex tiproteġik minn atti ta' vjolenza, int titqies bħala vittma partikolarment vulnerabbli. Dan ifisser li tingħata drittijiet addizzjonali; b'mod partikolari, int trid tiġi infurmat qabel is-seduta u x-xhieda tiegħek li:

- int tista' tinstema', kull fejn possibbli matul l-investigazzjoni, minn persuna tal-istess sess;
- tista' titlob li tingħata s-servizz ta' interpretu tal-istess sess, meta tinstema' matul l-investigazzjoni u l-proċess, kull fejn ikun possibbli;
- int tista' tirrifjuta li twieġeb mistoqsijiet li jikkonċernaw dettalji tar-reat, eż. fil-każ ta' reat sesswali, jekk int tqis li dawn ma jkunux raġonevoli. Madankollu, jaf tkun obligat twegħibhom jekk ix-xhieda tiegħek tkun partikolarment importanti għas-suġġett tal-proċedimenti;
- int għandek id-dritt li tiġi interrogat b'ċerta sensitività matul l-investigazzjoni u l-proċess;
- int tista' titlob biex il-pubbliku jkun eskluż mill-proċess;
- int tista' tiġi informat jekk it-trasgressur jaħrab, jerġa' jinqabad jew jiġi rilaxxat mill-kustodja;
- int tista' tkun akkumpanjat minn persuna ta' fiduċja matul is-seduta tiegħek.

Tista' tinstab aktar informazzjoni fil-fuljetti provduti minn organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-pulizija. Tista' tkun ċert ukoll li se tingħata informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek bil-fomm.

Jien ma ngħixx fil-pajjiż tal-UE fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif inhuma protetti d-drittijiet tiegħi?

Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tiżgura li l-vittmi jgawdu minn drittijiet komparabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE. Dawn id-drittijiet japplikaw irrispettivament min-nazzjonalità tiegħek bħala vittma.

Biex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar ta' reati f'każijiet li fihom ir-reat kriminali jkun twettaq fi Stat Membru ieħor tal-UE, l-ilmenti relatati ma' reat bħal dan li jsiru fil-pajjiż ta' residenza tal-vittma jintbagħtu mill-prosekutur lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor.

Hemm ukoll intitolament għal servizzi ta' traduzzjoni mingħajr ħlas matul il-proċedimenti kriminali.

Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni nirċievi?

Bħala vittma ta' reat, int trid tiġi infurmat minnufih dwar id-drittijiet tiegħek. Din l-informazzjoni tinkludi:

- id-drittijiet tiegħek matul il-proċedimenti kriminali;

- id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ lill-vittmi u s-servizzi li joffru;
- il-possibbiltà li titlob kumpens mingħand it-trasgressur;
- il-possibbiltà li tapplika għal kumpens mill-Istat.

Jekk int intitolat li taċċessa servizzi ta' assistenza lill-vittmi mingħand organizzazzjoni ta' appoġġ lill-vittmi, int tiġi informat dwar dan qabel l-ewwel seduta tiegħek. In-notifika biex tidher fis-seduta jkun fiha wkoll informazzjoni dwar dawn is-servizzi ta' appoġġ u tkun tinkludi l-indirizzi tal-organizzazzjonijiet rilevanti ta' appoġġ lill-vittmi. Barra minn hekk, int tiġi informat dwar id-dritt tiegħek li tkun akkumpanjat minn persuna ta' fiduċja. Tista' ssib aktar informazzjoni fil-fuljetti jew fil-volantini prodotti mill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ lill-vittmi, li jingħataw mill-pulizija. Tista' tkun ċert ukoll li se tingħata informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek bil-fomm.

Jekk l-integrità sesswali tiegħek ma tkunx ġiet irrispettata, jew jekk inti minuri, jew jekk tista' tinħareġ ordni ta' trażżin skont l-§-Artikolu 38a(1) tal-Att dwar il-Pulizija tas-Sigurtà sabiex tiproteġik minn atti ta' vjolenza, int għandek id-dritt li tiġi infurmat dwar id-drittijiet li ġejjin qabel is-seduta ta' smiġħ u x-xhieda tiegħek:

- id-dritt li tinstema' kull fejn possibbli minn persuna tal-istess sess matul l-investigazzjoni;
- id-dritt li titlob is-servizz ta' interpretu tal-istess sess, meta tinstema' matul l-investigazzjoni u l-proċess, kull fejn ikun possibbli;
- id-dritt li tirrifjuta li twieġeb mistoqsijiet li jikkonċernaw dettalji ta' reat sesswali, pereżempju, jekk int tqis li dawn ma jkunux raġonevoli. Madankollu, jaf tkun obligat tweġibhom jekk ix-xhieda tiegħek tkun partikolarment importanti għas-suġġett tal-proċedimenti;
- id-dritt li tiġi interrogat b'ċerta sensittività matul l-investigazzjoni u l-proċess;
- id-dritt li titlob biex il-pubbliku jkun eskluż mill-proċess;
- id-dritt li tiġi infurmat jekk it-trasgressur jaħrab, jerġa' jinqabad jew jinħeles mill-arrest preventiv;
- il-possibbiltà li tkun akkumpanjat minn persuna ta' fiduċja matul is-seduta tiegħek.

Ladarba tkun irrappurtajt ir-reat, int tirċievi l-konferma bil-miktub tar-rapport tiegħek. Din tkun tinkludi numru ta' referenza. Jekk iċċempel l-għassa tal-pulizija kompetenti u tikkwota dan in-numru ta' referenza, int tkun tista' titkellem mal-uffiċjal inkarigat mill-każ tiegħek. Int tista' tuża n-numru ta' referenza tal-pulizija wkoll biex tikkuntattja lill-prosekutur pubbliku li jkun qed jieħu ħsieb il-każ tiegħek.

L-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jinformat dwar żviluppi importanti fil-proċess. Pereżempju, int tiġi nnotifikat jekk l-awtoritajiet jiddeċiedu li ma jipproċedux bil-prosekuzzjoni jew ikunu qed jikkunsidraw li jordnaw miżuri alternattivi għal proċedimenti kriminali konvenzjonali. Int għandek ukoll id-dritt li teżamina l-fajls.

Il-qorti tinformat bil-ħin u bil-post tas-seduta jekk int tkun għamilt talba minn qabel għal din l-informazzjoni jew tkun issiħibt fil-proċedimenti bħala rikorrent ċivili.

Jekk int ġejt espost għal vjolenza jew għal theddida perikoluża ta' att kriminali intenzjonat, l-integrità sesswali tiegħek ma ġietx irrispettata, ġiet sfruttata d-dipendenza personali tiegħek fit-twettiq ta' tali reat jew jekk int partikolarment vulnerabbli, int tiġi infurmat awtomatikament mill-awtoritajiet jekk it-trasgressur jaħrab, jerġa' jinqabad jew jinħeles mill-arrest preventiv. F'każijiet oħra, int tiġi informat dwar żviluppi bħal dawn jekk tkun tlabt li jsir hekk. L-informazzjoni pprovduta mill-pulizija jew mill-prosekutur pubbliku trid tinkludi r-raġunijiet rilevanti għar-rilaxx u tindika jekk it-trasgressur kienx soġġett għal miżuri anqas ħorox bħala alternattiva għall-arrest.

Fuq talba, int tiġi informat minnufih ukoll jekk it-trasgressur jaħrab jew jinħeles mill-ħabs, kif ukoll dwar l-ewwel darba li t-trasgressur jiġihalla joħroġ mill-ħabs mingħajr superviżjoni. Int tiġi nnotifikat ukoll meta jinqabad trasgressur li jkun ħarab. Jekk ikunu ġew imposti xi kundizzjonijiet maħsuba biex jiproteġu lill-vittma fuq it-trasgressur fil-mument tar-rilaxx, int tiġi informat dwar dawn ukoll.

Għandi dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni jew ta' traduzzjoni bla ħlas (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lil awtoritajiet oħra, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Jekk il-Ġermaniż tiegħek ma jilħaqx livell suffiċjenti biex tikkomunika, int intitolat għal servizzi ta' interpretazzjoni mingħajr ħlas. Dawn is-servizzi jkun magħmula disponibbli matul l-intervista jew matul is-

seduta. Barra minn hekk, int intitolat ukoll għal traduzzjoni bil-miktub ta' partijiet importanti tal-fajl (konferma bil-miktub tal-ilment, ftehim dwar l-għeluq tal-investigazzjoni u r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata, l-eżekuzzjoni tas-sentenza u d-digriet kriminali).

Is-servizzi ta' assistenza lill-vittmi jinkludu appoġġ tat-traduzzjoni u huma ffinanzjati mill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja.

Kif tista' l-awtorità tiżgura li qed nifhem u li qed ninftiehem (jekk jien minorenni; jekk għandi diżabilità)?

L-istruzzjonijiet legali dejjem iridu jingħataw u l-intervisti dejjem iridu jiġu konklużi b'mod komprensibbli. Għaldaqstant, l-awtorità trid tadatta l-istruzzjonijiet u l-mistoqsijiet tagħha għall-ħtiġijiet u għall-kapaċitajiet tal-vittma. Wara li jingħatawlek l-istruzzjonijiet, tiġi mistoqsi jekk fhimtx kolloxx.

Jekk il-Ġermaniż tiegħek ma jilħaqx livell suffiċjenti biex tikkomunika, int intitolat għal servizzi ta' interpretazzjoni mingħajr ħlas. Dawn is-servizzi jkunu magħmula disponibbli matul l-intervista jew matul is-seduta. Barra minn hekk, int intitolat ukoll għal traduzzjoni bil-miktub ta' partijiet importanti tal-fajl (konferma bil-miktub tal-ilment, ftehim dwar l-għeluq tal-investigazzjoni u r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata, l-eżekuzzjoni tas-sentenza u d-digriet kriminali).

Interpretu tal-lingwa tas-sinjali jrid ikun preżenti biex jassisti lil vittmi torox jew muti. Jekk ikun hemm bżonn, int ikollok ukoll l-għażla li tikkomunika bil-miktub jew b'mod xieraq ieħor.

Kull diżabilità tiġi kkunsidrata meta jiġi vvalutat jekk vittma għandhiex titqies bħala partikolarment vulnerabbli, li huwa status assoċjat ma' drittijiet speċjali. Diżabilitajiet bħal dawn jistgħu jiġu kkompensati permezz tal-intitolament għal għajruna legali.

Servizzi ta' appoġġ lill-vittmi

Min jipprovdi l-appoġġ lill-vittmi?

Int tista' tikkuntattja lil organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi. Hemm organizzazzjonijiet speċifiċi għall-vittmi ta' vjolenza domestika u ta' stalking, għall-vittmi ta' traffikar tal-bnedmin u għall-vittmi minorenni. Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja ffinanzja Hotline għall-Vittmi, (0800 112 112 u <http://www.opfer-notruf.at/>), li twaqqfet biex tippovdi appoġġ mingħajr ħlas 24 siegħa kuljum.

Ċerti vittmi huma intitolati għal servizzi ta' assistenza psikosoċjali u legali lill-vittmi.

Jekk int vittma ta' vjolenza domestika jew ta' stalking, int tiġi appoġġat minn organizzazzjonijiet speċjalizzati, bħaċ-Ċentru ta' intervent fi vjolenza domestika (*Interventionsstelle gegen Gewalt in der Familie*) jew iċ-ċentri ta' protezzjoni tal-vittmi (*Gewaltschutzzentren*). Jekk il-pulizija tkun ħarġet ordni ta' trażżin, din l-informazzjoni tingħadda liċ-ċentru lokali ta' intervent fi vjolenza domestika jew lil ċentru lokali ta' protezzjoni kontra l-vjolenza. L-impjegati ta' dawn l-organizzazzjonijiet jikkuntattjaw u joffrulek appoġġ, inkluż billi jfasslulek pjan ta' sikurezza u jagħtuk pariri legali (b'mod partikolari dwar kif tippreżenta rikors għal inibizzjoni interim) u appoġġ psikoloġiku.

Int tista' tikkuntattja liċ-Ċentru ta' intervent jew lil wieħed miċ-ċentri ta' protezzjoni kontra l-vjolenza direttament ukoll. M'għandekx bżonn tistenna sakemm il-pulizija tiegħu azzjoni jew sakemm int tkun irrapportajt reat.

Il-pulizija tirrefereni awtomatikament lil min joffri appoġġ lill-vittmi?

Jekk int vittma ta' vjolenza domestika jew ta' stalking, int tiġi appoġġat minn organizzazzjonijiet speċjalizzati, bħaċ-Ċentru ta' intervent fi vjolenza domestika jew iċ-ċentri ta' protezzjoni tal-vittmi. Jekk il-pulizija tkun ħarġet ordni ta' trażżin, din l-informazzjoni tingħadda liċ-ċentru lokali ta' intervent fi vjolenza domestika jew lil ċentru lokali ta' protezzjoni kontra l-vjolenza. L-impjegati ta' dawn l-organizzazzjonijiet jikkuntattjaw u joffrulek appoġġ, inkluż billi jfasslulek pjan ta' sikurezza u jagħtuk pariri legali (b'mod partikolari dwar kif tippreżenta rikors għal inibizzjoni interim) u appoġġ psikoloġiku.

Fil-każijiet l-oħra kollha, int mitlub tikkuntattja lill-organizzazzjoni rilevanti ta' appoġġ għall-vittmi int stess.

Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?

Bħala vittma, int għandek diversi drittijiet li jggarantixxu li l-privatezza tiegħek tiġi protetta kemm jista' jkun, minkejja l-prinċipju tan-natura pubblika tal-proċedimenti tal-qorti.

Pereżempju, int għandek id-dritt li tipprovdi indirizz għan-notifika li ma jkunx il-proprja indirizz tad-dar tiegħek. Il-qorti trid tiżgura wkoll li ma jiġu żvelati ċ-ċirkustanzi personali tiegħek bħala xhud.

Il-kontenut tal-fajls ma jistax jiġi ppubblikat, ma jistgħux isiru reġistrazzjonijiet jew trażmissjonijiet fuq it-televiżjoni jew fuq ir-radju u jiġu rreġistrati filmati jew jittieħdu ritratti matul is-seduta.

Il-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċess, jekk dan ikun meħtieġ biex tiġi protetta l-privatezza tal-vittmi u tax-xhieda.

Jekk int il-vittma ta' reat sesswali, int għandek id-dritt li tirrifjuta li twieġeb mistoqsijiet dwar ċerti dettalji tal-inċident, sakemm id-dettalji inkwistjoni ma jkunux essenzjali għall-proċedimenti. F'każijiet eċċezzjonali, ikun saħnsitra possibbli li int tixhed b'mod anonimu, jekk il-kxif tal-identità tiegħek iqiegħed lil ħajtek, lil saħħtek, lill-integrità personali jew lil-libertà tiegħek jew ta' oħrajn f'riskju serju. Meta jixhdu quddiem il-qorti, ix-xhieda jistgħu anki jbiddu d-dehra tagħhom biex ma jintgħarfux (bil-patt li l-espressjonijiet ta' wiċċhom xorta jkunu jidhru).

Għandi nirrapporta reat qabel inkun nista' nikseb aċċess għall-appoġġ lill-vittmi?

M'għandekx bżonn tirrapporta reat biex taċċessa s-servizzi ta' assistenza lill-vittmi. Dan ifisser li int tista' tikkuntattja lil organizzazzjoni ta' appoġġ lill-vittmi qabel ma tkun irrapportajt reat. Din l-organizzazzjoni tista' tgħinek tul il-proċess ta' rapportar tar-reat, jekk ikun hemm bżonn.

Is-servizzi offruti mill-Hotline għall-Vittmi (0800 112 112) jistgħu jiġu aċċessati wkoll irrispettivament minn jekk irrapportajt reat.

Protezzjoni personali jekk inkun fil-periklu

X'tipi ta' protezzjoni huma disponibbli?

Hemm tipi differenti ta' protezzjoni tax-xhieda disponibbli, li joffru livelli differenti ta' protezzjoni skont it-theddida li għaliha jkun espost ix-xhud. Il-protezzjoni tax-xhieda mill-pulizija tas-sigurtà, pereżempju, tikkonsisti f'elementi preventivi u protettivi, bħal żieda ta' pattulji, għassa max-xhieda jew it-tqegħid f'faċilità ta' protezzjoni tax-xhieda. L-aktar forma komprensiva ta' protezzjoni hi l-inklużjoni fi programm ta' protezzjoni tax-xhieda.

Min jista' joffrili protezzjoni?

L-awtoritajiet tas-sigurtà huma responsabbli għall-iżgurar tal-protezzjoni personali tax-xhieda u tal-vittmi.

L-organizzazzjonijiet ta' appoġġ lill-vittmi joffru appoġġ u pariri. Hemm organizzazzjonijiet speċifiċi għall-vittmi ta' vjolenza domestika u ta' stalking, għall-vittmi ta' traffikar tal-bnedmin u għall-vittmi minorenni. Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja ffinanzja Hotline għall-Vittmi, (0800 112 112 u <http://www.opfer-notruf.at/>), li twaqqfet biex tipprovdi appoġġ mingħajr ħlas 24 siegħa kuljum.

Hemm xi ħadd li jevalwa l-każ tiegħi biex jara jekk inix f'riskju ta' aktar ħsara mit-trasgressur?

Jekk jirriżultaw ċirkustanzi ġodda matul il-proċedimenti (eż. minħabba l-informazzjoni li tkun waslet mingħand organizzazzjoni ta' appoġġ lill-vittmi), il-prosekutur pubbliku jew il-qorti jridu jiddokumentaw l-evalwazzjoni l-ġdida u jagħtu effettivament id-drittijiet assoċjati mal-istatus tiegħek bħala individwu partikolarment vulnerabbli.

Ikun hemm xi ħadd li jevalwa l-każ tiegħi biex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar dannu mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Il-pulizija kriminali, il-prosekutur pubbliku u l-qorti huma obbligati jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lid-drittijiet, lill-interessi u lill-vulnerabbiltà tal-vittmi. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti kriminali jridu jirrispettaw id-dinjità personali tal-vittmi matul il-proċess u l-interess tagħhom li tiġi protetta l-privatezza personali tagħhom. Dan l-obbligu ġenerali ta' salvagwardja tal-interessi tal-vittma jinkludi wkoll l-evitar ta' kull ħsara lill-vittma li tista' tirriżulta mill-proċedimenti kriminali nfushom. Dan jiġi żgurat ukoll permezz tad-drittijiet speċjali tal-vittma, eż. li tiġi interrogata b'mod sensitiv jew l-esklużjoni tal-pubbliku mill-proċess, u bil-projbizzjoni tal-iżvelar ta' ritratti jew ta' *data* personali tal-vittma.

X'tip ta' protezzjoni hija disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?

Il-vittmi ta' reati sesswali, il-vittmi kollha li jkunu minuri, u l-vittmi li għalihom tista' tinħareġ ordni ta' trażżin biex jiġu protetti skont l-Artikolu 38a(1) tal-Att dwar il-Pulizija tas-Sigurtà tal-Pulizija huma meqjusa bħala partikolarment vulnerabbli.

Il-vittmi l-oħra kollha jistgħu jingħataw dan l-istatus ukoll fuq il-bażi tal-età, tal-istat psikoloġiku u tas-saħħa tagħhom u fuq il-bażi tan-natura u taċ-ċirkustanzi speċifiċi tar-reat.

Minbarra d-drittijiet disponibbli għall-vittmi kollha, il-vittmi partikolarment vulnerabbli għandhom ukoll id-dritt li jiġu intervistati kull meta possibbli minn persuna tal-istess sess matul l-investigazzjoni. Barra minn hekk, għandhom id-dritt li jingħataw is-servizz ta' interpretu tal-istess sess, meta jkunu qed jinstemgħu matul l-investigazzjoni u l-proċess, kull fejn ikun possibbli. Dawn jistgħu jirrifjutaw li jwieġbu mistoqsijiet dwar id-dettalji tar-reat jekk iqisu li d-deskrizzjoni ta' dawn id-dettalji ma tkunx raġonevoli, jew li jwieġbu mistoqsijiet dwar ċirkustanzi ta' natura personali ħafna. Matul l-investigazzjoni u l-proċess, il-vittmi partikolarment vulnerabbli jiġu interrogati b'mod sensitiv jekk jitolbu hekk. Dawn jistgħu jitolbu biex il-pubbliku jkun eskluż mill-proċess. Vittmi partikolarment vulnerabbli dejjem jistgħu jkunu akkumpanjati minn persuna ta' fiduċja waqt is-seduta.

Jekk ikun hemm tħassib li se jkun impossibbli għal xhud li jinstema' fil-proċess għal raġunijiet ta' fatt jew ta' liġi, il-qorti għandha torganizza seduta b'kontroeżami fuq talba tal-prosekutur pubbliku. Għal dan il-għan, imħallef responsabbli għall-priġunerija u l-protezzjoni ġudizzjarja jisma' x-xhieda matul l-investigazzjoni bil-parteċipazzjoni tal-partijiet fil-proċedimenti u r-rappreżentanti tagħhom (f'post separat) billi juża tagħmir tekniku għat-trażmissjoni tal-immaġnijiet u l-ħoss. Fejn xieraq, espert jista' jintalab jintervista lix-xhieda. Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li, kemm jista' jkun, il-vittma ma tiltaqax mal-akkużat jew partijiet oħra fil-proċedimenti. Wara smiġħ b'kontroeżami, il-materjal tal-vidjow irregiſtrat jista' jiġi ppreżentat fil-proċess minflok seduta oħra. Dan l-eżami protettiv ta' xhieda fil-proċedura ta' investigazzjoni jista' jiġi applikat ukoll fil-proċess.

Fil-proċess il-qorti tista', b'mod eċċezzjonali, tgħid lill-imputat joħroġ mill-awla waqt is-smiġħ tax-xhieda - pereżempju fuq il-bażi tal-protezzjoni tax-xhieda - sakemm l-imputat jiġi infurmat wara b'dak kollu li jkun seħħ fl-assenza tiegħu, u b'mod partikolari bl-istqarrijiet kollha li jkunu saru sadanittant.

Jekk it-trasgressur jinħeles, jerġa' jinqabad jew jaħrab mill-ħabs jew waqt l-arrest preventiv, il-vittmi partikolarment vulnerabbli jridu jiġu infurmati minnufih. Fuq talba, dawn jiġu informati wkoll jekk it-trasgressur jaħrab jew jiġi rilaxxat mill-ħabs, kif ukoll dwar l-ewwel darba li t-trasgressur jitħalla joħroġ mill-ħabs mingħajr superviżjoni.

Jiena minorenni. Għandi drittijiet speċjali?

Il-vittmi li huma minorenni dejjem jitqiesu bħala partikolarment vulnerabbli.

Matul l-investigazzjoni, dawn ikunu intitolati li jiġu intervistati kull fejn possibbli minn persuna tal-istess sess. Barra minn hekk, għandhom id-dritt li jingħataw is-servizz ta' interpretu tal-istess sess, meta jkunu qed jinstemgħu matul l-investigazzjoni u l-proċess, kull fejn ikun possibbli. Dawn jistgħu jirrifjutaw li jwieġbu mistoqsijiet dwar id-dettalji tar-reat jekk iqisu li d-deskrizzjoni ta' dawn id-dettalji ma tkunx raġonevoli, jew li jwieġbu mistoqsijiet dwar ċirkustanzi ta' natura personali ħafna. Matul l-investigazzjoni u l-proċess, il-vittmi

partikolarment vulnerabbli jiġu interrogati b'mod sensitiv jekk jitolbu hekk. Il-minuri li l-integrità sesswali tagħhom setgħet ma ġietx rispettata, dejjem iridu jiġu interrogati b'mod sensitiv. Dawn jistgħu jitolbu biex il-pubbliku jkun eskluż mill-proċess. Matul seduta, dawn jistgħu jkunu akkumpanjati minn persuna ta' fiduċja.

Jekk it-trasgressur jinħeles, jerġa' jinqabad jew jaħrab mill-ħabs jew waqt l-arrest preventiv, il-vittmi partikolarment vulnerabbli jridu jiġu infurmati minnufih. Fuq talba, dawn jiġu informati wkoll jekk it-trasgressur jaħrab jew jiġi rilaxxat mill-ħabs, kif ukoll dwar l-ewwel darba li t-trasgressur jitħalla joħroġ mill-ħabs mingħajr superviżjoni.

Membru tal-familja tiegħi miet kaġun ta' reat – x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

Jekk il-konjuġi jew is-sieħeb reġistrat, is-sieħeb li jgħix miegħek, antenat jew dixxendent dirett tiegħek, oħtok, ħuk jew persuna dipendenti oħra tiegħek tkun inqatlet kaġun ta' att kriminali, int ikollok dritt għal servizzi ta' għajjnuna psikosoċjali u għajjnuna legali lill-vittmi. Dan japplika wkoll jekk xi ħadd ieħor mill-qraba tiegħek imut minħabba reat u int kont xhud tar-reat.

Jekk il-konjuġi jew is-sieħeb reġistrat, is-sieħeb li jgħix miegħek, antenat jew dixxendent dirett tiegħek, l-aħwa jew persuni dipendenti oħra tiegħek jinqatlu minħabba att kriminali, int tkun intitolat għal servizzi ta' assistenza lill-vittmi. Dan japplika wkoll jekk xi ħadd ieħor mill-qraba tiegħek imut minħabba reat u int kont xhud tar-reat.

Jekk persuna li kont dipendenti fuqha skont il-liġi tmut minħabba reat bħal dan, int tkun potenzjalment intitolat għal appoġġ skont l-Att dwar il-Kumpens lill-Vittmi. Talbiet bħal dawn għall-assistenza jiġu deċiżi mill-Uffiċċju Federali għall-Affarijiet Soċjali u għall-Persuni b'Diżabbiltà (Bundesamt für Soziales und Behindertenwesen).

Membru tal-familja tiegħi kien vittma ta' reat – x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

F'każijiet fejn l-integrità fiżika u/jew sesswali ta' tfal jew adolexxenti tista' tiġi affettwata, dawk li jieħdu ħsiebhom jingħataw ukoll assistenza fi proċeduri kriminali.

Nista' nikseb aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? Taħt liema kundizzjonijiet? Se nkun sikur waqt il-medjazzjoni?

Il-pulizija, il-prosekutur pubbliku jew l-imħallef iridu jikkunsidraw l-interessi tiegħek u jinformawk dwar il-perkors tal-proċedimenti, inkluż dwar kull miżura alternattiva għall-proċedimenti kriminali konvenzjonali li tiġi ordnata fil-każ ta' reati minuri u moderatament serji. Jekk il-prosekutur pubbliku jkun qed jikkunsidra miżuri alternattivi bħal dawn, dan irid joffrilek l-opportunità li tagħti l-opinjoni tiegħek fejn din tkun neċessarja biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet u l-interessi tiegħek, b'mod partikolari d-dritt tiegħek għal kumpens.

Il-prosekutur pubbliku jista' jitlob lill-medjaturi mħarrġa mill-organizzazzjonijiet rilevanti biex jappoġġaw lit-trasgressuri u lill-vittmi b'medjazzjoni. Il-medjazzjoni tista' tibda biss bil-kunsens tiegħek, sakemm ir-raġunijiet tiegħek għar-rifjut tal-medjazzjoni ma jkunux inaċċettabbli fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Jekk it-trasgressur ma jkunx għalaq it-18-il sena, il-kunsens tiegħek ma jkunx meħtieġ.

Int tista' tkun involut fil-proċess ta' medjazzjoni jekk tkun tixtieq hekk. L-interessi tiegħek jiġu rrispettati. Fejn xieraq biex jiġu salvagwardjati l-interessi tiegħek, b'mod partikolari d-dritt tiegħek għal kumpens, int tiġi mistieden tippreżenta dikjarazzjoni.

Matul il-proċess ta' medjazzjoni, int għandek id-dritt li tkun akkumpanjat minn persuna ta' fiduċja. Int trid tiġi informat dwar id-drittijiet tiegħek u dwar l-organizzazzjonijiet xierqa ta' appoġġ għall-vittmi mill-aktar fis possibbli.

Fejn nista' nsib il-liġi li tistipula x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

Id-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali huma rregolati mill-Kodiċi dwar il-Proċedura Kriminali (*Strafprozessordnung* (StPO)). L-StPO u l-liġijiet l-oħra kollha jistgħu jiġu aċċessati mingħajr ħlas mis-[Sistema ta' Informazzjoni Legali tar-Repubblika tal-Awstrija](#).

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess

Kif nirrapporta reat?

Jekk int sfajt vittma ta' reat, tista' tirrapportah fi kwalunkwe għassa tal-pulizija jew lill-prosekutur pubbliku.

Int tista' tippreżenta r-rapport tiegħek bil-fomm jew bil-miktub u l-firma tiegħek hi meħtieġa. Ir-rapport jista' jiġi ppreżentat ukoll minn terzi. Għalkemm dan mhuwiex obligatorju, huwa rakkomandat li fir-rapport tinkludi d-dettalji personali rilevanti tiegħek, inkluż indirizz fejn tista' tiġi kkuntattjat, kif ukoll id-dettalji personali tat-terzi li rrapportaw ir-reat.

Barra minn hekk, hu rakkomandat li tipprovdi kull evidenza u informazzjoni li int jista' jkollok dwar il-persuna suspettata. Din tiffaċilita l-investigazzjoni.

Il-pulizija għandhom formola uffiċjali (ġeneralment permezz tal-kompjuter) li permezz tagħha jirreġistraw l-informazzjoni li tipprovdi. Minn dan il-punt 'il quddiem, ir-rapport tiegħek dwar ir-reat isir parti mill-fajl.

Int tista' tirrapporta r-reat fi kwalunkwe għassa tal-pulizija jew direttament lill-prosekutur pubbliku.

Ir-rapport jista' jiġi ppreżentat bil-Ġermaniż jew b'waħda mil-lingwi reġjonali uffiċjali.

Jekk ma tafx titkellem bil-Ġermaniż jew b'lingwa uffiċjali oħra sa livell suffiċjenti, int ikollok id-dritt li tkun assistit minn interpretu.

Fil-każ ta' ċerti reati (eż. reati vjolenti jew reati sesswali), int tkun intitolat għal assistenza mingħand organizzazzjoni ta' appoġġ lill-vittmi meta tirrapporta r-reat.

Ma hemm ebda skadenza speċifika għar-rapportar ta' reat. Madankollu, wara ċertu perjodu ta' żmien stipulat bil-liġi, il-pulizija, il-prosekutur pubbliku jew il-qorti jistgħu jirrifjutaw li jeżaminaw il-każ. Dan il-perjodu ta' żmien iwarja skont it-tip ta' reat inkwistjoni (perjodi ta' preskrizzjoni).

L-awtoritajiet huma obligati jiftħu l-investigazzjoni meta jiġu informati dwar allegat reat (eċċezzjoni: reati soġġetti għal prosekuzzjoni privata).

Kif nista' nsir naf x'qed jiġri dwar il-każ?

Ladarba tirrapporta r-reat, int tirċievi l-konferma bil-miktub tar-rapport tiegħek. Din tkun tinkludi numru ta' referenza. Jekk aktar tard tikkuntattja lill-għassa tal-pulizija kompetenti u tikkwota dan in-numru ta' referenza, int tkun tista' tikkuntattja lill-uffiċjal inkarigat mill-każ tiegħek.

Jekk int tippreżenta r-rapport bil-miktub lill-pulizija jew lill-prosekutur pubbliku, int trid titlobhom in-numru ta' referenza. L-organizzazzjonijiet ta' appoġġ lill-vittmi jgħinuk issib in-numru ta' referenza t-tajjeb.

Bħala l-vittma ta' reat, int għandek id-dritt li teżamina l-fajls. L-aċċess jista' jiġi miċħud jew limitat biss jekk l-ispezzjoni tal-fajls tkun tista' tipperikola l-investigazzjoni jew tinflwenza x-xhieda tiegħek bħala xhud.

L-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jinformat dwar żviluppi importanti fil-proċess. Pereżempju, int tiġi nnotifikat jekk l-awtoritajiet jiddeċiedu li ma jipproċedux bil-prosekuzzjoni, li jissospendu l-investigazzjoni, jew ikunu qed jikkunsidraw li jordnaw miżuri alternattivi għal proċedimenti kriminali konvenzjonali.

Jien intitolat għal għajnuna legali (matul l-investigazzjoni jew il-proċess)? Taħt liema kundizzjonijiet?

Int tista' tingħata appoġġ u tiġi rrappreżentat fil-komunikazzjoni tiegħek mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi minn avukat, minn membru ta' organizzazzjoni ta' appoġġ lill-vittmi jew minn persuna xierqa oħra.

Jekk int intitolat għal appoġġ legali, l-avukati, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet speċjalizzati fl-appoġġ lill-vittmi, jappoġġawk mingħajr ħlas meta tasserixxi d-drittijiet tiegħek matul il-proċedimenti. L-assistenza psikosoċjali u legali hija disponibbli wkoll:

- għall-persuni li setgħu ġew esposti għal vjolenza jew għal theddida perikoluża minħabba att kriminali intenzjonat, li l-integrità sesswali jew l-awtodeterminazzjoni tagħhom setgħu ma ġewx irrispettati jew li d-dipendenza personali tagħhom setgħet ġiet sfruttata fit-tweqqi ta' tali reat;
- jekk inti tiġi mill-qrib minn persuna li setgħet mietet minħabba r-reat jew jekk int qarib li rajt ir-reat jittwettag;
- għall-vittmi ta' reati terroristiċi;
- għall-vittmi ta' reat tipiku ta' "mibegħda online". Dan jinkludi stalking, fastidju kontinwu permezz tat-telekomunikazzjoni jew ta' sistema tal-IT ("cybermobbing") u istigazzjoni. Jinkludi wkoll reati bħall-malafama, akkużi ta' reat kriminali li diġà ġew miċħuda bħala bla bażi, insulti u inġurji, meta jkun hemm ċerti raġunijiet biex wieħed jassumi li l-att twettaq permezz tat-telekomunikazzjoni jew bl-użu ta' sistema tal-IT;
- għall-minuri li kienu xhieda ta' atti vjolenti fiċ-ċirku soċjali tagħhom (vjolenza fil-familja, vjolenza kontra t-tfal).

L-assistenza trid tkun neċessarja għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-vittma u hi ggarantita mill-organizzazzjoni ta' appoġġ lill-vittmi. Il-vittmi li l-integrità sesswali tagħhom setgħet ma ġietx irrispettata u li għadhom ma għalqux l-14-il sena jingħataw appoġġ psikosoċjali awtomatikament.

Jekk int m'intix intitolat għal servizzi ta' assistenza għall-vittmi, int tista' titlob lill-qorti għal għajnuna legali mingħajr ħlas jekk tissieħeb fil-proċedimenti bħala rikorrent ċivili. Jekk il-qorti tqis li r-rappreżentanza legali tkun neċessarja (b'mod partikolari biex tiġi evitata talba sussegwenti għal azzjoni ċivili) u l-introjtu tiegħek ma jkunx biżżejjed biex tħallas għal rappreżentant legali mingħajr ma tipperikola s-sussistenza tiegħek, it-talba tiġi approvata.

Nista' nitlob lura l-ispejjeż (għall-parteċipazzjoni fl-investigazzjoni jew fil-proċess)? Taħt liema kundizzjonijiet?

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku, lejn u mill-qorti jew lejn u mill-post tas-seduta jiġu rimborżati, u jingħata kumpens għall-ħin mitluf jekk int iġġarrab telf finanzjarju minħabba dan. Jekk int xhud u jkollok tqatta' lejl u tiegħu kolazzjon, ikla ta' nofsinhar jew pranzu f'post partikolari, l-ispejjeż tas-soġġorn tiegħek jiġu rimborżati sa ċertu ammont. Int trid tippreżenta t-talba tiegħek għal dan il-ħlas fi żmien 14-il jum.

Nista' nappella jekk il-każ tiegħi jingħalaq qabel nitla' l-qorti?

Jekk il-prosekutur pubbliku jwaqqa' l-proċedimenti, int trid tiġi informat. Imbagħad ikollok 14-il jum biex titlob lill-prosekutur pubbliku jispjega r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni. Int tista' tapplika wkoll għal kontinwazzjoni tal-proċedimenti jekk:

- liġi tkun inkisret jew ġiet applikata ħażin;
- ikun hemm dubji serji dwar l-akkuratezza tal-fatti li fuqhom kienet ibbażata d-deċiżjoni ta' terminazzjoni tal-proċedimenti; jew
- jistgħu jiġu pprovduti fatti jew evidenza ġodda li jiġġustifikaw il-kontinwazzjoni.

It-talba trid tiġi ppreżentata fi żmien 14-il jum wara li tkun ġejt infurmat dwar id-deċiżjoni tal-prosekutur pubbliku li jtemm il-proċedimenti jew wara li tkun irċevejt ir-raġunijiet għat-tali terminazzjoni. Jekk ma tirċevix it-tali informazzjoni f'dan il-perjodu, il-limitu ta' żmien jiġi estiż għal 3 xhur wara d-deċiżjoni. It-talba biex jitkomplew il-proċedimenti trid tiġi indirizzata lill-prosekutur pubbliku.

Jekk il-prosekutur pubbliku jqis li t-talba jkollha motivazzjoni valida, hu jkompli bil-proċedimenti. Inkella, il-prosekutur pubbliku jrid jikteb risposta u jippreżentaha, flimkien mal-fajl, lill-qorti li tiddeċiedi dwar it-talba tiegħek. Jekk il-qorti tilqa' t-talba, il-prosekutur pubbliku jrid ikompli bil-proċedimenti. Inkella t-talba tiġi miċħuda.

Jekk il-prosekutur pubbliku jiddeċiedi li jordna miżuri alternattivi għal proċedimenti kriminali konvenzjonali, int ma tistax tappella kontra d-deċiżjoni tiegħu.

Jekk jiġu ppreżentati xi akkużi u, wara, il-prosekutur pubbliku jagħlaq il-każ, f'ċerti ċirkustanzi int ikollok id-dritt li ssostni l-akkużi bħala prosekutur sussidjarju. F'dan il-każ, int trid diġà tkun issiħibt fil-proċedimenti bħala rikorrent ċivili. Imbagħad int tikseb l-istatus ta' prosekutur sussidjarju malli tiddikjara li se ssostni l-akkużi.

Nista' nkun involut fil-proċess?

Bħala vittma, int intitolat li tiegħu sehem fil-proċess. Int tiġi m'fharrek biex tidher il-qorti biss jekk int tkun meħtieġ tixhed. Vittma tkun obbligata li tikkonforma ma' taħrika biex tidher jekk hi tissejjaħ bħala xhud biss.

Jekk tuża s-servizzi ta' assistenza lill-vittmi, l-organizzazzjoni ta' appoġġ lill-vittmi li tipprovdi dawn is-servizzi tiġi informata dwar id-dati tas-seduti.

Jekk int tajt ix-xhieda tiegħek taħt kontroeżami matul l-investigazzjoni, int tiġi informat dwar id-data tal-proċess biss jekk int tkun tlabt li jsir dan. Jekk int rikorrent ċivili, prosekutur sussidjarju jew prosekutur privat, int tingħata avviż bil-quddiem dwar id-dati stabbiliti għas-seduti. Irrispettivament minn jekk il-proċess huwiex pubbliku, bħala vittma int intitolat li tkun preżenti u akkumpanjat minn persuna ta' fiduċja -- avukat, membru ta' organizzazzjoni ta' appoġġ lill-vittmi jew persuna oħra. Int għandek id-dritt li tagħmel mistoqsijiet lill-imputat, lix-xhieda u lill-esperti kif ukoll li tinstema' rigward l-intitolament tiegħek għal kumpens.

Jekk int rikorrent ċivili, tista' tagħżel li ma tattendix għas-seduta. Madankollu, jekk int tkun prosekutur privat u ma tattendix għas-seduta, il-qorti ma jkollhiex għażla flief li tassumi li int m'għadekx interessat f'kundanna u tagħlaq il-kawża.

Jekk ma titkellimx bil-Ġermaniż (jew b'lingwa uffiċjali oħra), int għandek id-dritt għal interpretazzjoni matul is-seduta mingħajr ħlas.

X'inhu r-rwol uffiċjali tiegħi fis-sistema ġudizzjarja? Pereżempju, jien meqjus jew nista' nagħżel li nkun: vittma, xhud, parti ċivili, jew prosekutur privat?

Int titqies bħala vittma, jekk tissodisfa r-rekwiżiti statutorji rilevanti. Il-persuni li ġejjin għandhom l-istatus ta' vittma:

- il-persuni li setgħu ġew esposti għal vjolenza jew għal theddida perikoluża minħabba att kriminali intenzjonat, li l-integrità sesswali jew l-awtodeterminazzjoni tagħhom setgħu ma ġewx irrispettati jew li d-dipendenza personali tagħhom setgħet ġiet sfruttata fit-twettiq ta' tali reat;
- il-konjuġi, is-sieħeb/sieħba reġistrat/a, is-sieħeb/sieħba konvivalenti, il-qraba tal-ewwel grad, ħu jew oħt u dipendenti oħra ta' persuna li setgħet mietet minħabba reat, jew qraba oħra li jkunu raw ir-reat jitwettagħ u
- kull persuna oħra li ġarrbet ħsara minħabba reat jew li l-interessi legali tagħha, kif protetti mid-dritt kriminali, setgħu sofrew dannu f'aspetti oħra.

Int tkun xhud jekk tkun għamilt osservazzjonijiet rilevanti għall-proċedimenti kriminali. Dan jiġi ddeterminat mill-pulizija u mill-prosekutur pubbliku matul l-investigazzjoni. Matul il-proċess, din id-deċiżjoni tittieħed mill-qorti.

Inti tiddeċiedi jekk tixtieqx tissieħeb fil-proċedimenti bħala rikorrent ċivili.

Jekk tkomplix il-proċedimenti bħala prosekutur sussidjarju f'każ li jitwaqqgħu l-akkużi, hi deċiżjoni tiegħek ukoll.

X'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħi f'dan ir-rwol?

Matul il-proċedimenti, l-awtoritajiet kollha jridu jirrispettaw id-dinjità personali tiegħek bħala vittma u l-interess tiegħek li l-privatezza personali tiegħek tiġi protetta. Trid tingħata kunsiderazzjoni xierqa lid-drittijiet, lill-interessi u lill-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi tiegħek. Il-vittmi kollha jridu jiġu informati mill-aktar fis dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-possibbiltà li jingħataw assistenza u kumpens.

Trid tinħareġ konferma tar-rapport tiegħek tar-reat jekk int titlobha.

Kull vittma hi intitolata għal rappreżentanza u għal parir. Dawn jistgħu jiġu pprovduti minn avukat, minn organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi jew minn rappreżentant xieraq ieħor. Jekk int tkun intitolat għal servizzi ta' assistenza lill-vittmi, il-persuna li tipprovdilek appoġġ legali tirrappreżentak fil-proċedimenti.

Jekk ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-appoġġ legali, iżda tixtieq tkun irrappreżentat minn avukat bħala rikorrent ċivili, f'ċerti kundizzjonijiet tkun tista' titlob l-għajjuna legali.

Bħala xhud, int tkun ħieles mid-dmir li tixhed jekk tkun se tinkrimina lil qarib. Int titlef dan id-dritt jekk int adult u tkun qed titlob kumpens bħala rikorrent ċivili fil-qafas tal-proċedimenti kriminali.

Hu possibbli li tirrifjuta li twieġeb mistoqsijiet individwali:

- jekk it-tweġiba tkun umiljanti jew tesponi lilek jew lil membru tal-familja tiegħek għar-riskju ta' telf finanzjarju dirett u konsiderevoli;
- jekk it-tweġiba tkun tikkonċerna l-aktar sfera personali tiegħek jew dik ta' persuna oħra;
- jekk int tqis li l-mistoqsijiet dwar id-dettalji ta' reat sesswali ma jkunux raġonevoli.

Madankollu, jaf tkun obligat tweġibhom jekk ix-xhieda tiegħek tkun partikolarment importanti għas-suġġett tal-proċedimenti.

Jekk ikun hemm persuni oħra preżenti matul l-intervista, trid tingħata attenzjoni biex ma tiġix żvelata data personali tiegħek. Int ma jkollokx għalfejn tiżvela l-indirizz tad-dar tiegħek. Minflok, int tista' tagħti indirizz ieħor fejn l-awtoritajiet jistgħu jikkuntattjawk.

Int intitolat li teżamina l-fajls jekk dawn jikkonċernaw l-interessi tiegħek. Tista' titlob ukoll kopji mill-fajl bi ħlas ta' tariffa. Jekk tkun ingħatajt għajjuna legali jew il-kopji li tkun tlabt ikunu s-sejbiet u l-opinjoni ta' esperti, korpi pubbliċi, servizzi u istituzzjonijiet, il-kopji jingħataw mingħajr ħlas.

Jekk trasgressur jinħeles mill-ħabs jew mill-arrest preventiv, int trid tkun infurmat jekk, bħala riżultat ta' reat kriminali intenzjonat, tkun ġejt espost għal vjolenza jew theddid perikoluż, l-integrità sesswali jew l-awtodeterminazzjoni tiegħek ma jkunux ġew irrispettati, id-dipendenza personali tiegħek tkun ġiet sfruttata fit-tweġit ta' tali reat jew tkun vittma vulnerabbli. Jekk int tkun il-vittma ta' tip ieħor ta' reat, int trid tippreżenta talba li tindika li int tixtieq tiġi informat dwar il-ħelsien tat-trasgressur.

Int trid tiġi nnotifikat dwar it-terminazzjoni u l-kontinwazzjoni tal-proċedimenti u dwar kull terminazzjoni tal-investigazzjoni mill-prosekutur pubbliku. Jekk ikunu qed jiġu kkunsidrati miżuri alternattivi għall-proċedimenti kriminali, int trid tirċievi informazzjoni komprensiva dwar id-drittijiet tiegħek. F'ċerti ċirkostanzi, int tista' tagħmel rikors biex jissoktaw il-proċedimenti jekk dawn ikunu ġew itterminati mill-prosekutur pubbliku.

Jekk ma tafx titkellem bil-Ġermaniż sa livell suffiċjenti jew inti trux jew mutu, int għandek id-dritt li tiġi assistit fit-traduzzjoni/fl-interpreazzjoni. Int intitolat ukoll li tiegħu sehem f'kontroeżamijiet, f'rikostruzzjonijiet ta' inċidenti u fil-proċess, li matulu għandek id-dritt li tagħmel mistoqsijiet u tressaq rikorsi.

Nista' nagħmel stqarrija jew nixhed matul il-proċess? Taħt liema kundizzjonijiet?

Bħala vittma, id-drittijiet tiegħek jintitolaw li tagħmel dikjarazzjonijiet waqt ix-xhieda tiegħek jew f'parteċipazzjoni oħra f'intervista jew f'seduta. Pereżempju, int tista' tiddikjara li qed tissieħeb fil-proċedimenti bħala rikorrent ċivili u tixtieq li tingħata kumpens. Int għandek ukoll id-dritt li tagħmel mistoqsijiet lill-imputat, lix-xhieda u lill-periti.

Int intitolat tixhed jekk tiġi mħarrek għal intervista jew għal smiġħ.

Jekk int tkun xhud ukoll, int obbligat tirrispetta kwalunkwe taħrika li tirċievi, u tipprovdi informazzjoni veritiera u sħiħa.

X'informazzjoni nirċievi matul il-proċess?

Matul il-proċess, int tiġi informat dwar id-drittijiet tiegħek fil-bidu tal-eżami tiegħek.

Int tiddeċiedi jekk tixtieqx tieħu sehem tul il-proċess kollu.

Is-sentenza tingata' fl-aħħar tas-seduta. Int tista' ssir taf dwar il-kontenut tas-sentenza billi tibqa' sal-aħħar tas-seduta jew teżamina l-fajl tal-qorti.

Jekk int issiħibt fil-proċedimenti bħala rikorrent ċivili, il-qorti hi obbligata wkoll li tiddeċiedi dwar it-talba tiegħek fis-sentenza tagħha. Jekk din tiddeċiedi li int għandek tingħata kumpens, is-sentenza titqies bħala ordni għall-eżekuzzjoni skont id-dritt ċivili u int tista' tapplika mal-gvern federali għal avvanz tal-kumpens. Madankollu, dan hu soġġett għall-kundizzjoni li l-persuna kkundannata ma tkunx tista' tikkonforma minnufih mal-obbligu ta' ħlas minħabba li tkun qed tiskonta sentenza (ta' priġunerija).

Il-qorti tista' tordna wkoll li proprjetà li tappartjeni għall-vittma li tkun tinsab fil-pussess tal-imputat tiġi rritornata lill-vittma.

Jista' jkollu aċċess għall-fajls tal-qorti?

Int għandek id-dritt li teżamina l-fajls. L-aċċess jista' jiġi miċħud jew limitat biss jekk l-ispezzjoni tal-fajls tkun tista' tipperikola l-investigazzjoni jew tinfluenza x-xhieda tiegħek bħala xhud.

■ L-aħħar aġġornament: 02/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

Nista' nappella kontra d-deċiżjoni?

Rikorrent ċivili (1), prosekutur sussidjarju (2) jew prosekutur privat (3) ġeneralment ikun intitolat li jappella kontra s-sentenza.

Hemm żewġ tipi ta' appell disponibbli: Appell għan-nullità (*Nichtigkeitsbeschwerde*) għandu x'jaqsam mal-legalità tal-proċedimenti u tas-sentenza, filwaqt li appell (*Berufung*) jikkontesta d-deċiżjoni meħuda dwar talbiet tad-dritt ċivili. Bħala prosekutur privat int tista' tappella wkoll kontra l-livell tal-piena. Fil-każ ta' ħelsien, ir-rikorrenti ċivili u l-prosekuturi sussidjarji jiġu riferuti lill-qorti ċivili biex jippreżentaw it-talbiet għal kumpens tagħhom.

Bħala rikorrent ċivili, prosekutur sussidjarju jew prosekutur privat, int ikollok id-dritt li tippreżenta appell għan-nullità kontra sentenza fil-każ li ġej:

- jekk it-talba ċivili tiegħek ġiet irrinvjata lil qorti ċivili minħabba l-ħelsien tal-imputat u jkun evidenti li ċ-ċaħda ta' mozzjoni li tkun ressaqt matul il-proċess tkun affettwat b'mod negattiv id-deċiżjoni tal-qorti dwar it-talba ċivili tiegħek.

Bħala rikorrent ċivili jew prosekutur sussidjarju int intitolat li tippreżenta appell jekk:

- fil-każ ta' kundanna, il-qorti tgħaddi t-talbiet tiegħek lil qorti ċivili, anki jekk dawn setgħu ġew deċiżi mill-

qorti kriminali, peress li t-talbiet tiegħek kienu mmotivati u ġġustifikati sew.

Fil-proċedimenti quddiem qorti distrettwali (*Bezirksgericht*) u quddiem imħallef uniku f'qorti reġjonali (*Landesgericht*), ir-rikorrenti ċivili u l-prosekuturi sussidjarji jistgħu jappellaw kontra s-sentenza dwar talbiet ċivili mhux biss jekk dawn it-talbiet jintbagħtu kollha lill-qrati ċivili, iżda anki jekk ikunu jixtiequ jikkontestaw il-livell ta' kwalunkwe għotja.

Jekk ikollok l-istatus ta' prosekutur privat fil-proċedimenti, int tkun tista' tibbaża fuq l-istess drittijiet ta' appell bħall-prosekutur pubbliku. Jekk l-imputat jinħeles, int tista' tippreżenta appell għan-nullità. Fil-proċediment quddiem qorti distrettwali u quddiem imħallef uniku f'qorti reġjonali, int tista' tikkontesta wkoll il-fatti stabbiliti fis-sentenza billi tippreżenta appell dwar il-kwistjoni tal-ħtija tal-imputat. Jekk l-imputat jiġi kkundannat, int tkun tista' tappella jekk ma taqbilx mal-piena jew jekk it-talbiet ċivili tiegħek jintbagħtu lill-qrati ċivili. Jekk ma kontx preżenti fis-seduta meta l-qorti ħabbret id-deċiżjoni tagħha, ikollok teżamina l-fajl biex tiskopri jekk l-imputat instabx ħati jew le. Is-sentenza jrid ikun fiha raġunijiet u tkun iffirmita mill-imħallef fi żmien 4 ġimgħat. Jekk int ħadt sehem fil-proċess bħala rikorrent ċivili, prosekutur sussidjarju jew prosekutur privat u int tippreżenta appell jew appell għan-nullità fi żmien 3 ijiem mill-qari tas-sentenza, int trid tirċievi kopja tas-sentenza. Int tista' tapplika għal għajjuna legali biex tippreżenta l-appell jew l-appell għan-nullità tiegħek. Jekk ikun hemm bżonn, din tista' tinkludi appoġġ ta' traduzzjoni mingħajr ħlas. L-għajjuna legali tingħata mill-qorti jekk ikun hemm bżonn ta' rappreżentanza legali, u jekk l-introjtu tiegħek ma jkunx biżżejjed biex tħallas għar-rappreżentanza legali mingħajr ma tipperikola s-sussistenza tiegħek.

X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tingħata s-sentenza?

Il-vittmi kollha jistgħu jitolbu li jiġu informati dwar l-ewwel okkażjoni li fiha t-trasgressur jitħalla joħroġ mill-ħabs mingħajr superviżjoni, jekk it-trasgressur jaħrab u jerġa' jinqabad, jekk it-trasgressur ikun se jiġi rilaxxat jew ikun ġie rilaxxat u dwar kull kundizzjoni imposta f'każ ta' liberta' kondizzjonali.

Vittmi ta' reati sesswali u ta' vjolenza sessista jridu jinstemgħu qabel ma jiġi approvat l-ittagġjar elettroniku jekk ikunu talbu li jiġu informati dwar it-tluq jew ir-rilaxx tat-trasgressur mill-ħabs. Dawn il-vittmi jridu jiġu nnotifikati wkoll li l-ittagġjar elettroniku jkun ġie approvat. Huma jkunu intitolati għal servizzi ta' assistenza lill-vittmi li jappoġġjawhom biex jasserixxu dawn id-drittijiet.

Minbarra dawn int ma tirċievi ebda informazzjoni oħra mingħand l-awtoritajiet wara li tidħol fis-seħħ is-sentenza. Madankollu, int jibqa' jkollok id-dritt li teżamina l-fajl tal-qorti jekk l-interessi tiegħek ikunu affettwati.

Inkun intitolat għal appoġġ jew għal protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?

Wara l-proċess, int tkun intitolat għal diskussjoni ta' konklużjoni mal-organizzazzjoni li tkun ipprovdietlek l-assistenza bħala vittma.

Il-vittmi ta' reat li jkunu ngħataw appoġġ psikosoċjali matul il-proċedimenti kriminali jkunu intitolati wkoll għal dan l-appoġġ matul proċedimenti ċivili sussegwenti. Dan jiddependi minn jekk is-suġġett tal-proċedimenti ċivili jkunx relatat ma' dak tal-proċedimenti kriminali u jekk dan l-appoġġ ikunx neċessarju biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet proċedurali tal-vittma. L-organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi li tipprovidi l-assistenza tivvaluta jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati. Il-vittma tista' tfittex għajjuna legali sabiex tkun tista' tiġi rrappreżentata minn avukat fil-proċedimenti ċivili. Dan l-appoġġ jingħata sakemm jintemmu l-proċedimenti ċivili.

X'informazzjoni ningħata jekk it-trasgressur jiġi kkundannat?

Int tista' ssir taf bl-eżitu tal-proċedimenti u bil-piena imposta jew billi tibqa' fl-awla tal-qorti sakemm tingħata s-sentenza bil-fomm jew billi teżamina l-fajl tal-qorti aktar tard.

Niġi informat jekk it-trasgressur jiġi lliberat (inkluż rilaxx bikri jew

liberazzjoni taħt kondizzjoni) jew jaħrab mill-ħabs?

Fuq talba, int tiġi informat minnufih jekk it-trasgressur jaħrab jew jiġi rilaxxat mill-ħabs, kif ukoll dwar l-ewwel darba li t-trasgressur jitħalla joħroġ mill-ħabs mingħajr superviżjoni. Int tiġi nnotifikat ukoll meta jinqabad trasgressur li jkun ħarab. Jekk ikunu ġew imposti xi kundizzjonijiet maħsuba biex jipproteġu lill-vittma fuq it-trasgressur fil-mument tar-rilaxx, int tiġi informat dwar dawn ukoll.

Inkun involut f'deċiżjonijiet dwar il-liberazzjoni jew ir-rilaxx kondizzjonali? Pereżempju, nista' nagħmel stqarrija jew inressaq appell?

Il-vittma tkun involuta fid-deċiżjonijiet dwar il-liberazzjoni jew dwar ir-rilaxx kondizzjonali f'każijiet eċċezzjonali biss. Huma biss vittmi ta' reat sesswali jew ta' vjolenza sesswali li jkunu talbu li jiġu informati dwar il-ħarba jew ir-rilaxx tat-trasgressur li jinstemgħu qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-ittaggjar elettroniku.

1. Rikorrent ċivili

Biex issir rikorrent ċivili, int trid tagħmel dikjarazzjoni. Id-dikjarazzjoni trid tinkludi kwantifikazzjoni speċifika tat-talba li tiġi ppreżentata għall-kumpens tat-telf ikkawżat mir-reat jew tad-dannu mġarrab. Waqt l-investigazzjoni d-dikjarazzjoni trid tiġi indirizzata lill-pulizija jew lill-prosekutur pubbliku. Din tista' tiġi ppreżentata bil-miktub jew bil-fomm. Matul il-proċess, id-dikjarazzjoni trid tiġi ppreżentata qabel ma tiġi kkompilata l-evidenza kollha. Dak hu wkoll l-aħħar mument li fih tista' tiġi kkwantifikata t-talba.

Bħala rikorrent ċivili, int ikollok id-drittijiet li ġejjin minbarra dawk ta' vittma:

- id-dritt li titlob il-kompilazzjoni ta' xhieda li tista' sserve biex tikkundanna lit-trasgressur jew biex tiġi għall-kumpens; id-dritt li tiġi mħarrek għall-proċess; id-dritt li tappella kontra deċiżjoni tal-qorti li tagħlaq il-kawża; id-dritt li tressaq appell fuq il-bażi tat-talbiet ċivili tiegħek.

2. Prosekutur sussidjarju

Biex issir prosekutur sussidjarju, int trid tkun jew trid issir rikorrent ċivili u tiddikjara l-prosekuzzjoni sussidjarja. Jekk it-trasgressur ikun minorenni, il-prosekuzzjoni sussidjarja tiġi eskluża.

Int tista' ssir prosekutur sussidjarju billi tippreżenta dikjarazzjoni. Jekk il-prosekutur pubbliku jwaqqa' l-akkużi matul il-proċess, int trid tippreżenta din id-dikjarazzjoni minnufih jekk tkun ġejt imħarrek kif xieraq. Jekk int ma tkunx irrispettajt it-taħrika jew ma tiddikjarax il-prosekuzzjoni sussidjarja, it-trasgressur jiġi lliberat.

Jekk il-prosekutur pubbliku jwaqqa' l-akkuża barra mis-seduta tal-qorti jew jekk int ma tkunx ġejt imħarrek kif xieraq bħala rikorrent ċivili, il-qorti trid tinformak b'dan l-iżvilupp. Imbagħad int ikollok xahar biex tiddikjara l-prosekuzzjoni sussidjarja.

Jekk tkompli bil-prosekuzzjoni minflok il-prosekutur pubbliku, dan tal-aħħar jista' jaċċessa l-informazzjoni rigward il-proċedimenti tal-qorti f'kull waqt u jista' jiddeċiedi li jerġa' jibda jmexxi l-prosekuzzjoni hu stess. F'dan il-każ, int tibqa' tkun involut fil-proċess bħala rikorrent ċivili.

3. Prosekutur privat

Ċerti reati anqas serji ma jitressqux għall-prosekuzzjoni mill-prosekutur pubbliku, iżda mill-vittma stess. Jekk int vittma ta' reat bħal dan, il-proċedimenti kriminali jinfetħu biss jekk int tiftaħ kawża b'mod privat quddiem il-qorti. Imbagħad int tikseb l-istatus ta' prosekutur privat.

F'dan il-każ, fil-prinċipju, ma jkun hemm l-ebda proċedura ta' investigazzjoni, iżda l-vittmi ta' ċerti reati ta' mibegħda online (malafama, akkuża ta' att kriminali jew ta' insult punibbli b'mod ġudizzjarju li ġiet miċħuda, jekk dawn ir-reati twettqu permezz tat-telekomunikazzjoni jew bl-użu tal-kompjuter) jistgħu jiftħu rikors il-qorti għal miżuri investigattivi biex jiġi investigat it-trasgressur. Ir-rikors irid jissodisfa r-rekwiżiti ta' talba għal provi.

Bħala prosekutur privat, trid turi l-fatti kollha li huma essenzjali għal kundanna inti stess. Jekk l-akkużat jiġi lliberat, int trid tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti. Hemm eċċezzjoni għall-vittmi ta' reati ta' mibegħda online: fi proċedimenti kriminali għal malafama, l-akkuża ta' att kriminali jew insult punibbli b'mod ġudizzjarju li ġiet miċħuda, jekk dawn ir-reati jkunu twettqu permezz tat-telekomunikazzjoni jew bl-użu ta' kompjuter u l-

proċedimenti ma jwasslux għal kundanna, il-prosekuturi privati jew il-vittmi li jressqu rikors għall-investigazzjoni tat-trasgressur huma obbligati jħallsu kumpens biss jekk ikunu għamli l-akkuża b'mod falz u għamli dan konxjament. Madankollu, din l-eżenzjoni mill-obbligu ta' rimborż tal-ispejjeż tikkonċerna biss l-ispejjeż proċedurali. Jekk il-proċedimenti ma jwasslux għal kundanna, il-prosekutur privat huwa obligat jirrimborża l-ispejjeż tad-difiża tal-imputat fil-proċedimenti prinċipali u f'dawk tal-appell.

L-arranġamenti tal-ispejjeż għall-vittmi ta' reati ta' mibegħda online huma validi sal-31 ta' Diċembru 2023 u se jkunu suġġetti għal evalwazzjoni.

4. Servizzi ta' assistenza lill-vittmi

Ċerti persuni għandhom dritt għal servizzi ta' assistenza psikosoċjali u ta' għajjuna legali lill-vittmi. Tali dritt jeżisti:

- għall-persuni li setgħu ġew esposti għal vjolenza jew għal theddida perikoluża minħabba att kriminali intenzjonat, li l-integrità sesswali u l-awtodeterminazzjoni tagħhom setgħu ma ġewx irrispettati jew li d-dipendenza personali tagħhom setgħet ġiet sfruttata fit-twettiq ta' tali reat;
- jekk il-mewt ta' persuna setgħet kienet ikkawżata minn reat kriminali u int tiġi mill-qrib minn dik il-persuna, jew jekk int qarib ta' dik il-persuna u kont xhud tal-att;
- għall-vittmi ta' reati terroristiċi;
- għall-vittmi ta' reat tipiku ta' "mibegħda online". Dawn jinkludi persekuzzjoni persistenti, fastidju kontinwu permezz tat-telekomunikazzjoni jew tal-kompjuter (cybermobbing) u istigazzjoni. Inklużi wkoll huma reati bħal malafama, akkuża ta' att kriminali punibbli b'mod ġudizzjarju, insult jew malafama li ġiet miċħuda, jekk ikun hemm indikazzjonijiet li r-reat twettaq permezz tat-telekomunikazzjoni jew bl-użu tal-kompjuter;
- għall-minuri li kienu xhieda ta' vjolenza fiċ-ċirku soċjali tagħhom (vjolenza fil-familja, vjolenza kontra t-tfal).

L-appoġġ għall-vittmi jrid ikun meħtieġ sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-vittmi u jrid jiġi żgurat mill-istituzzjoni ta' appoġġ għall-vittmi. Is-servizzi ta' assistenza psikosoċjali lill-vittmi dejjem iridu jingħataw mingħajr il-bżonn ta' rikors lil vittmi li l-integrità sesswali tagħhom setgħet ma ġietx irrispettata u li jkollhom inqas minn 14-il sena.

L-assistenza psikosoċjali fil-proċedimenti tinkludi t-tfajjija ta' dawk ikkonċernati għall-proċedimenti u għall-istress emozzjonali relatat mal-proċedimenti u l-assistenza fis-seduti mal-pulizija u fil-qorti; l-għajjuna legali tinkludi pariri legali u rappreżentanza minn avukat. Il-fornituri ta' assistenza legali huma intitolati wkoll li jitolbu kumpens fi proċedimenti kriminali (id-drittijiet tal-parti ċivili).

Is-servizzi ta' assistenza lill-vittmi jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet speċifiċi ta' appoġġ lill-vittmi (bħal ċentri ta' protezzjoni tat-tfal, ċentri ta' konsulenza jew ċentri ta' intervent). Dawn jagħtu struzzjonijiet lill-avukati biex jipprovdu għajjuna legali u/jew jipprovdu l-assistenza psikosoċjali permezz tal-persunal tagħhom. Il-membri tal-persunal tagħhom huma ħaddiema soċjali, psikologi jew professjonisti simili b'taħriġ legali addizzjonali obligatorju fil-qasam tal-proċedimenti kriminali.

Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja jiffinanzja s-servizzi ta' assistenza lill-vittmi.

■ L-aħħar aġġornament: 02/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

4 - Kumpens

X'inhu l-proċess sabiex titlob kumpens għad-danni mingħand it-trasgressur? (pereżempju kawża fil-qorti, talba ċivili, proċedura ta' aderenza)

Biex jasserixxu talbiet finanzjarji (pereż. kumpens għal dannu immaterjali (għall-uġiġ u t-tbatija), spejjeż tat-trattament), il-vittmi jistgħu

- jressqu azzjoni ċivili kontra t-trasgressur jew
- jissieħbu fil-proċedimenti kriminali kontra l-persuna akkużata bħala rikorrent ċivili.

Biex tasserixxi talba bħala rikorrent ċivili fi proċedimenti kriminali, inti trid tippreżenta dikjarazzjoni, li fiha trid tikkwantifika t-talba tiegħek għal kumpens għad-dannu kkawżat mir-reat jew għall-ħsara mġarrba u turi d-dritt tiegħek għalih (ir-raġunijiet għad-danni/għall-kumpens u l-livell tagħhom). Kundizzjoni oħra hi li l-imputat jiġi kkundannat għad-dannu kkawżat.

Int għandek tissieħeb fil-proċedimenti kriminali bħala rikorrent ċivili mill-aktar fis possibbli (idealment meta r-reat jiġi rrapportat lill-pulizija). Wara li l-akkużi jkunu tressqu quddiem il-qorti kompetenti, id-dikjarazzjoni tista' tiġi rreġistrata mal-prosekutur pubbliku kompetenti wkoll jew inkella tiġi ppreżentata bil-miktub mingħajr ebda rekwiżit formali. Matul il-proċess, id-dikjarazzjoni trid tiġi ppreżentata qabel ma tiġi kkompilata l-evidenza kollha. Dak hu wkoll l-aħħar mument li fih tista' tiġi kkwantifikata t-talba.

Il-qorti ordnat lit-trasgressur sabiex iħallasni għad-danni/jagħtini kumpens. Kif nista' niżgura li t-trasgressur iħallas?

Jekk il-parti kkundannata tonqos milli tirrispetta l-obbligu tagħha li tħallas is-somma mogħtija, il-kreditur, jiġifieri l-vittma li lilha ngħata l-kumpens, jista' jniedi miżuri ta' eżekuzzjoni bl-għajnuna tal-qorti. Għal dan l-għan, irid jiġi ppreżentat rikors bil-miktub jew orali (*Exekutionsantrag*) lill-qorti distrettwali kompetenti. Int għandek 30 sena biex tasserixxi talba għal kumpens mogħti b'sentenza tal-qorti li tkun legalment vinkolanti. Fi tmiem dan il-perjodu, it-talba tiġi preskritta.

Jekk l-assi tal-parti kkundannata jiġu ddikjarati li ġew ikkonfiskati, il-vittmi jkollhom id-dritt li jitolbu s-saldu tal-kumpens mogħti lilhom mill-assi maqbuda mill-Istat.

Jekk it-trasgressur ma jħallasx, jista' l-Istat iħallasni avvanz? Taħt liema kundizzjonijiet?

Pagament bil-quddiem jista' jingħata biss jekk il-pagament ma setax isir minħabba l-iskontar ta' sentenza. Dan ikun il-każ, pereżempju, jekk it-trasgressur ma jkunx jista' jaqla' introjtu minħabba li jkun qed jiskonta sentenza ta' ħabs jew ma jkollux fondi għaliex ħallas multa. Kundizzjoni biex jingħata dan l-avvanz hi li r-rikorrent ċivili jkun ingħata kumpens f'sentenza tal-qorti legalment vinkolanti minħabba mewt, korrimment fiżiku, ħsara għas-saħħa jew telf finanzjarju. F'ċerti każijiet, il-possibbiltà ta' avvanz tkun eskluża (eż. jekk jeżistu drittijiet oħra għall-pagamenti mill-Istat jew jekk il-korrimment kien ir-riżultat ta' involviment fi ġlieda jew ta' negliġenza gravi).

It-talba għal avvanz trid tiġi ppreżentata quddiem il-qorti kriminali kompetenti.

Jien intitolat għal kumpens mill-Istat?

Il-vittmi ta' reat jistgħu jirċievu kumpens finanzjarju mill-Istat jekk

- ma setgħux iwettqu l-professjoni tagħhom minħabba mard jew trattament ta' segwitu, eċċ. u konsegwentement ikunu sofrew telf ta' qligħ
- kellhom jieħdu xi psikoterapija, xi trattament minħabba kriżi jew trattament ieħor biex itejbu saħħithom
- ikunu meħtieġa trattamenti ortopediċi
- tkun saret ħsara f'nuċċalijiet jew f'dentaturi
- tkun meħtieġa r-riabilitazzjoni
- ikunu jeħtieġu kura (f'dan il-każ jista' jitħallas benefiċċju għall-kura)

- ikunu għomja (f'dan il-każ jista' jitħallas benefiċċju għall-persuni għomja).

Mill-31 ta' Meju 2009, il-vittmi li ġarrbu korriment fiżiku serju jistgħu jirċievu kumpens f'somma waħda għad-dannu immaterjali.

Id-dipendenti superstiti tal-vittmi ta' reat jirċievu

- kumpens għat-telf tal-manteniment (jekk il-vittma mietet u l-konjuġi u/jew it-tfal tagħha jkunu tilfu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex ikopru l-ispejjeż tal-għajxien tagħhom)
- kura terapewtika (eż. psikoterapija) u kura ortopedika
- spejjeż tal-funeral sa ammont massimu speċifikat.

Jien inkun intitolat għal kumpens jekk it-trasgressur ma jgħix ikkundannat?

Jekk it-trasgressur ma jgħix ikkundannat, il-vittma tiġi riferuta lill-qrati ċivili u tista' tressaq rikors għal kumpens quddiem dawn il-qrati.

Jien intitolat għal ħlas ta' emerġenza waqt li nkun qed nistenna d-deċiżjoni dwar it-talba għall-kumpens tiegħi?

Le.

■ L-aħħar aġġornament: 02/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

Jien vittma ta' reat. Lil min għandi nikkuntattja għall-appoġġ u l-assistenza?

F'konformità mal-Artikolu 66b(3) StPO (*Strafprozessordnung*, il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali), il-Ministru Federali għall-Ġustizzja daħal f'kuntratti ma' organizzazzjonijiet xierqa u stabbiliti li jipprovdu assistenza lill-persuni msemmija fit-Taqsima 66b(1) tal-kodiċi wara li jivverifika li l-kundizzjonijiet statutorji ġew issodisfati. Id-dettalji ta' dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jinstabu billi tikklikkja fuq il-ħolqa li ġejja, fejn ġew issortjati skont il-provinċja (*Bundesland*): organizzazzjonijiet għall-appoġġ tal-vittmi

il-hotline għall-appoġġ tal-vittmi

L-Uffiċċju Federali tal-Protezzjoni Soċjali (*Sozialministeriumservice*): 0043 158831 u l-hotline ġenerali tal-vittmi: 0800 112 112 (kif ukoll linja għall-għajnuna Ewropea għall-vittmi: 116 006)

L-appoġġ lill-vittmi huwa mingħajr ħlas?

Iva.

X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi mis-servizzi jew mill-awtoritajiet tal-Istat?

Il-vittmi ta' reat jirċievu kumpens finanzjarju skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpens lill-Vittmi (*Verbrechensopfergesetz* (VOG)), il-Gazzetta tal-Liġi Federali (BGBl.) 288/1972.

Skont il-VOG, il-proċedura hija l-istess għall-applikanti kollha (ċittadini Awstrijaċi u barranin). Din hi proċedura amministrattiva li matulha l-awtorità trid tistabbilixxi l-fatti rilevanti u tasal għal deċiżjoni dwar l-assistenza li

tintalab. Ir-rikorrent huwa meħtieġ jikkoopera mal-proċedura u jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa (inkluż biex jiġu stabbiliti d-danni).

Ir-rikorsi skont il-VOG iridu jiġu ppreżentati lill-Uffiċċju Federali tal-Protezzjoni Soċjali, li jiddeċiedi dwarhom ukoll.

X'tipi ta' appoġġ nista' nirċievi mingħand organizzazzjonijiet mhux governattivi?

Dawn li ġejjin huma intitolati għal assistenza psikosoċjali u legali:

- vittmi ta' reat vjolenti, reat sesswali jew theddida perikoluża, jew vittmi li d-dipendenza personali tagħhom setgħet ġiet sfruttata fit-twettiq ta' dan l-att kriminali deliberat;
- il-konjuġi, is-sieħeb, il-qraba tal-ewwel grad, l-aħwa u dipendenti oħra ta' persuna li tmut minħabba reat, kif ukoll qraba oħra li kienu xhieda tal-mewt ta' qarib;
- vittmi ta' reati terroristiċi;
- vittmi ta' reat tipiku ta' "mibegħda online". Dan jinkludi stalking, fastidju kontinwu permezz tat-telekomunikazzjoni jew ta' sistema tal-IT ("cybermobbing") u istigazzjoni. Jinkludi wkoll reati bħall-malafama, akkużi ta' reat kriminali li diġà ġew miċħuda bħala bla bażi, insulti u inġurji, meta jkun hemm ċerti raġunijiet biex wieħed jassumi li l-att twettaq permezz tat-telekomunikazzjoni jew bl-użu ta' sistema tal-IT;
- minorenni li kienu xhieda ta' atti vjolenti fiċ-ċirku soċjali tagħhom (vjolenza fil-familja, vjolenza kontra t-fal).

Fuq talba, dawn il-vittmi jridu jingħataw assistenza psikosoċjali u legali, sakemm dan ikun meħtieġ biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet proċedurali tagħhom, b'kunsiderazzjoni kemm jista' jkun tal-involvement personali tagħhom. L-organizzazzjonijiet ta' appoġġ lill-vittmi nnifishom huma responsabbli biex jivvalutaw jekk it-tali assistenza hijiex "meħtieġa". Il-vittmi ta' reat sesswali li jkollhom inqas minn 14-il sena dejjem ikunu intitolati għal assistenza psikosoċjali.

ASSISTENZA PSIKOSOĠJALI

Fil-kuntest tal-assistenza psikosoċjali, il-vittmi jitħejjew għall-istress psikoloġiku tal-proċedimenti, megħjuna fl-indirizzar tal-esperjenzi tagħhom (ansjetajiet, disprament, niket jew rabja) u jiġu akkumpanjati wkoll waqt is-seduti li jkunu parti mill-investigazzjoni jew mill-proċess.

ASSISTENZA LEGALI

L-iskop tal-għajnuna legali hu li tingħataw assistenza lill-vittmi biex jasserixxu d-drittijiet tagħhom fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Dan hu partikolarment utli u meħtieġ jekk ċirkustanzi speċifiċi joħolqu tħassib li d-drittijiet tal-vittmi mhux se jiġu rispettati biżżejjed matul il-proċedimenti. Jekk il-vittma ġarrbet ħsara jew dannu minħabba r-reat, l-avukat jista' jitlob kumpens (eż. għal uġiġħ u tbatija) f'isem il-vittma (jekk il-vittma jkollha l-istatus ta' rikorrent ċivili).

L-aħħar aġġornament: 02/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.